

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11838/26
ADD 1

ENT 194
CHIMIE 99
MI 772
COMPET 947
SAN 586
ENV 937
IND 482

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	ANNESS tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kreożot u ta' sustanzi relatati mal-kreożot
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2026) 113496 annex.

Mehmuż: D(2026) 113496 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D113496/04
[...] (2026) XXX draft

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew
u tal-Kunsill fir-rigward tal-kreożot u ta' sustanzi relatati mal-kreożot**

ANNEX

L-entrata 31 fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 hija sostitwita b'dan li ġejj:

“31. Il-kreożot u sustanzi relatati mal-kreożot (a) Kreożot; żejt għall-ħasil Nru CAS 8001-58-9 Nru KE 232-287-5 (b) Żejt tal-kreożot; żejt għall-ħasil Nru CAS 61789-28-4 Nru KE 263-047-8 (c) Distillati (qatran tal-faħam), żjut tan-naftalen; żejt tan-naftalen Nru CAS 84650-04-4 Nru KE 283-484-8 (d) Żejt tal-kreożot, frazzjoni tal-aċenaften; żejt għall-ħasil Nru CAS 90640-84-9 Nru KE 292-605-3 (e) Distillati (qatran tal-faħam), ta' fuq; żejt tal-antraċen tqil Nru CAS 65996-91-0 Nru KE 266-026-1 (f) Żejt tal-antraċen Nru CAS 90640-80-5 Nru KE 292-602-7 (g) Aċidi tal-qatran, faħam, mhux raffinati; fenoli mhux raffinati Nru CAS 65996-85-2 Nru KE 266-019-3 (h) Żejt tal-qatran ta' temperatura baxxa, alkalin; residwi tal-estrazzjoni (faħam), żejt	1. ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw, waħedhom jew f'taħlitiet, għat-trattament tal-injam. 2. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012, is-sustanzi jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw, waħedhom jew f'taħlitiet, għat-trattament tal-injam permezz tal-imprenjazzjoni taħt pressjoni f'vakwu f'installazzjonijiet industrijali biss jekk ikun fihom konċentrazzjonijiet, kif ġej, taż-żewġ sustanzi li ġejjin: (a) benzo[a]piren f'konċentrazzjoni inqas minn 50 mg/kg (0,005 % skont il-piż); (b) fenoli li jistgħu jiġu estratti bl-ilma f'konċentrazzjoni inqas minn 3 % skont il-piż. 3. Id-deroga prevista fil-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) Is-sustanzi, waħedhom jew f'taħlitiet, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'imballaġġ ta' kapaċità ta' 200 litru jew aktar. (b) Is-sustanzi, waħedhom jew f'taħlitiet, ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali. (c) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet, għandu japplika dan li ġej: – Il-fornituri għandhom jiżguraw, qabel it-tqegħid fis-suq, li l-imballaġġ ta' tali sustanzi, waħedhom jew f'taħlitiet, ikun immarkat b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx bil-kliem “Għall-użu f'installazzjonijiet industrijali biss”. – It-tikketti u, fejn disponibbli, l-iskedi tad-data tas-sikurezza għandhom jinkludu l-informazzjoni addizzjonali li ġejja: a. L-applikazzjoni industrijali tat-trattament tal-injam għandha ssir f'żona iżolata jew fuq stand iebes u impermeabbli b'ħitan ta' protezzjoni. b. L-injam li jkun għadu kif ġie ttrattat għandu jinħażen wara t-trattament f'post imkenni jew fuq stand iebes u impermeabbli, jew it-tnejn li huma, sabiex jiġi evitat it-tixrid fil-ħamrija, fid-drenaġġ jew fl-ilma.
---	--

tal-qatran tal-faħam ta' temperatura baxxa, alkalini Nru CAS 122384-78-5 Nru KE 310-191-5	c. Kull rilaxx mill-applikazzjoni tal-prodott għandu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. 4. L-injam ittrattat bis-sustanzi elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlitiet, ma għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża. 5. B'deroga mill-paragrafu 4, l-injam ittrattat bis-sustanzi elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, waħedhom jew f'taħlitiet, jista': (a) jitqiegħed fis-suq bl-istess kundizzjonijiet kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1950; (b) jintużaw bħala traversa ferrovjarja jew bħala arblu utilitarju għall-elettriku jew għat-telekomunikazzjoni. Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu japplika għall-użi assoċjati kollha, inkluż il-ħżin. 6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-injam ittrattat huma permessi biss fl-Istati Membri elenkati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1950. Madankollu, jekk Stat Membru jitneħħa mil-lista, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' injam ittrattat għandhom jibqgħu jkunu permessi għal 180 jum addizzjonali mid-data tat-tneħħija, u wara dan ma għandux jibqa' permess f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri mhux elenkati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1950 jistgħu jadottaw leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tqegħid fis-suq ulterjuri ta' injam ittrattat għall-fini tal-użu u tal-użu mill-ġdid, u li tippermetti l-użu u l-użu mill-ġdid innifishom. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija b'tali leġislazzjoni fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tagħha. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar tali leġislazzjoni nazzjonali ssir disponibbli għall-pubbliku. 7. L-injam ittrattat bis-sustanzi elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, kemm jekk waħedhom kif ukoll f'taħlitiet, jista' jibqa' f'postu fl-istess lok u jkompli jintuża hemmhekk għall-istess skop. 8. Meta injam ittrattat jerġa' jitqiegħed fis-suq jew jerġa' jintuża f'konformità mal-paragrafu 5 ta' din l-entrata, il-fornituri u l-utenti għandhom mill-inqas japplikaw il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju għall-kreożot stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1950. L-utenti tal-injam ittrattat għandhom iżommu dokumentazzjoni tal-provvisti tal-injam ittrattat li jirċievu u tar-rimi tiegħu. Dik id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għat-tul ta' żmien tal-użu u għal għaxar snin wara r-rimi. Meta tali provvisti jerġgħu
--	--

	jitqiegħdu fis-suq, dik id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal għaxar snin oħra minn hemm 'il quddiem. 9. F'din l-entrata, "użu mill-ġdid" tfisser kwalunkwe operazzjoni li biha l-injam ittrattat li mhuwiex skart jerġa' jintuża għall-istess skop bħall-użu oriġinali."
--	---